

Brussell, 18 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

8664/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0803 (NLE)**

LIMITE

**DENLEG 37
AGRILEG 104
SAN 255
CONSOM 138
RECH 195
MI 401
FOOD 50**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari

1. F'konformità mal-Artikolu 25(1a)(c) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002¹, il-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) jinkludi erba' membri u erba' membri supplenti bid-dritt tal-vot bħala rappreżentanti tal-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari.
2. Il-mandat tal-membri u l-membri supplenti attwali li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2026².
3. Għalhekk, jenħtieġ li jinħatru rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-interessi tal-katina alimentari għal mandat ġdid ta' erba' snin, li jibda mill-1 ta' Lulju 2026.

¹ Ir-Regolament (KE) 178/2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

² 9123/22

4. Fit-12 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill lista ta' kandidati magħżula għall-ħatra tal-membri msemmija hawn fuq³.
5. Fis-17 ta' Marzu 2026, il-Kunsill stieden lill-Parlament Ewropew jippreżenta l-opinjoni tiegħu lill-Kunsill mill-aktar fis, u mhux aktar tard mis-16 ta' Ġunju 2026.
6. Fl-4 ta' Ġunju 2026, il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu lill-Kunsill⁴.
7. Fil-5 ta' Ġunju 2026, abbażi tal-indikazzjonijiet li waslu mid-delegazzjonijiet u f'konformità mal-proċedura tal-għażla approvata mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti⁵, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill identifika l-kandidati b'għadd oġġla ta' rakkomandazzjonijiet u informa lid-delegazzjonijiet b'dan (ara l-Anness).
8. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) mistieden:
 - jikkonferma l-appoġġ tiegħu għar-rappreżentant elenkati fl-Anness ta' din in-nota;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari, kif tinsab fid-dokument 8666/26 wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti;
 - jissuġġerixxi li l-Kunsill jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 7235/1/26 REV 1

⁴ 10256/26

⁵ 6306/22

ĦATRA TAL-MEMBRI U L-MEMBRI SUPPLENTI TAL-BORD TA' ĠESTJONI TAL-AWTORITÀ EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL LI JIRRAPPREŻENTAW L-INTERESSI TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI U TAL-KATINA ALIMENTARI

Ħatriet bħala rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-konsumatur għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2030:

- Is-Sur Agustín REYNA (membru),
- Is-Sa Izaskun MARTÍN CABREJAS (membri supplenti).

Ħatriet bħala rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2030:

- Is-Sur Martin DERMINE (membru).

Ħatriet bħala rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-bdiewa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2030:

- Is-Sur Max SCHULMAN (membru),
- Is-Sur José María CASTILLA BARÓ (membru supplenti).

Ħatriet bħala rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-industrija għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2030:

- Is-Sa Roxane RÖTHLISBERGER FELLER (membru),
- Is-Sur Alejandro David RODARTE CASTREJÓN (membru supplenti).
